# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 11**

**Avviz. numru 1057/98mm**

**Printline Limited**

**vs**

**Marie Louise Keen u b'digriet tas-27 ta' Dicembru 1999 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Mates Catering Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Mejju 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sitt liri Maltin (Lm506), rappresentanti l-prezz tax-xogholijiet ezegwiti fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghha.

Bl-ispejjez, inkluz dik ta' l-ittra ufficjali datat 25 ta' Gunju 1997 u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli b'effett mid-data illi fih gew

kompletati x-xogholijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-attrici ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi bl-ebda mod hi qatt agixxiet f'isimha personali fil-konfront tas-socjeta' attrici;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi l-ebda somma hi dovuta lis-socjeta' attrici peress illi hi qatt ma kienet inkarigata mill-konvenuta sabiex tezegwixxi xi xogholijiet ghall-beneficcju taghha.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet diga' pprezentati minnha, it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi l-ebda somma ma hi dovuta lis-socjeta' attrici peress illi x-xoghol ezegwit mill-istess socjeta' ma kienx tal-kwalita' miftiehma.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Dicembru 1999 fejn il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza tas-socjeta' *Mates Catering Limited* u rat il-verbal tad-9 ta' Marzu,2000 fejn din is-socjeta' zammet l-istess eccezzjonijiet fuq imsemmija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta' kummissjoni moghtija lis-socjeta' attrici sabiex tipproduci *menus* kuluriti ghall-istabbiliment illi kien gestit mill-konvenuta. Jidher illi dan ix-xoghol dam sejjer xi zmien sakemm fl-ahhar il-konvenuta marret ghand haddiehor minghajr ma qalet xejn lis-socjeta' attrici. F'din il-kawza qed titlob il-hlas ta' hames mija u sitt liri Maltin (Lm506) li jirrapprezenta l-prezz tax-xogholijiet ezegwiti minnha sa dak l-istadju illi gie esegwit ix-xoghol.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' attrici giet mqabbdha mill-konvenuta sabiex tesegwixxi *artworks, scanning u printing* ta' *menus* ghall-istabbiliment tal-konvenuta maghruf bhala *Paparazzi Bistro* San Giljan.

Mark Portelli ghas-socjeta' attrici jghid illi l-konvenuta kienet issegwi x-xoghol ta' spiss. Kienet pero' dejjem tbiddel il-*proofs* li kienu gew moghtija lilha ghall-*approval. Portelli j*semmi li l-konvenuta kienet marret ghandu xi ghoxrin jew tletin darba

sakemm fl-ahhar l-*color separation* gie approvat, gie stampat u baqa jistenna t-*text* illi kellu jigi moghti lilu mill-konvenuta, liema *text* qatt ma gie pprovdut. Portelli esebixxa kampjun tax-xoghol illi huwa esegwixxa li jirreferi ghalih bhala xoghol mhux lest u li hemm bahar jaqsam bejn dak illi gie esebit u l-prodott finali.

Qabel  ma l-Qorti tkompli biex tivvaluta l-meritu ta' din il-kawza ikun opportun illi titratta l-eccezzjonijiet imqajjma mill-konvenuta. Fl-ewwel eccezzjonijiet taghha l-konvenuta qieghdha tghid illi hija qatt ma qabdet lis-socjeta' attrici sabiex tesegwixxi x-xoghol imsemmi.

Irrizulta illi l-konvenuta tiggestixxi kumpanija bl-isem ta' *Mates Company Limited* liema kumpanija giet imsejjha fil-kawza permezz tad-digriet tas-27  ta' Dicembru 1999.

Irrizulta mill-provi pero' illi anke mix-xhieda ta' l-istess konvenuta illi din il-kumpanija qatt ma ffigurat fin-negozjati li kienu qieghdin isiru bejn il-konvenuta u s-socjeta' attrici. Tant hu hekk, illi l-istess konvenuta kienet qalet illi d-diskussjonijiet illi kienu qieghdin isiru kienu dejjem bejnha u bejn s-socjeta' attrici u qatt ma semmiet illi kien hemm xi kumpanija maghrufa bhala *Mates Company Limited* .

Mark Poretlli jghid illi huwa ma kienx jaf bl-esistenza ta' din il-kumpanija u d-diskussjonijiet kienu jsiru dejjem bejnu u bejn il-konvenuta u dejjem ittratta maghha fuq bazi personali.

Il-Qorti jidhrilha ghalhekk illi dawn l-eccezzjonijiet tal-konvenuta m'ghandhomx fondament fattwali. Ma giex ippruvat illi din il-kumpanija *Mates Company Limited* intromettiet b'xi mod f'dan in-negozju illi kien qed isir bejn s-socjeta' attrici u l-konvenuta. Jista jkun illi l-*Paparazzi Bistro* huwa gestit minn din il-kumpanija illi taghha l-konvenuta hija wahda mid-diretturi, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi f'dan in-negozju awtomatikament ghandha tidhol *Mates Company Limited* semplicement ghax dina tezisti u tiggestixxi dan ir-restaurant. Ma hemmx dubbju illi l-prodott finali kellu jmur a beneficcu ta' dan il-*Paparazzi Bistro* pero', hi xinhi din hija xi haga nterna bejn il-konvenuta u *Mates Company Limited* u zgur illi ma taffetwax din ir-relazzjoni kummercjali illi kienet tezisti bejn s-socjeta' attrici u l-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi minn dawn l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuta u tghaddi biex tikkonsidra wkoll l-eccezzjoni ulterjuri a fol 37 tal-process.

F'din l-eccezzjoni l-konvenuta qed tqajjem l-kwistjoni li x-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' miftiehma. Din l-eccezzjoni tinkwadra fl-artikolu 1390 tal-Kap 16 li jghid *"jekk il-haga li bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista jaghzel, jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit".* Dan l-artikolu jimponi fuq ix-xerrej certa obbligi u inizjattivi. L-obbligi li ghandu huma tnejn, jew li jirrifjuta l-haga jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fiz-zewg kazijiet hemm inizjattiva li

ghandu jiehu x-xerrej, liema inizzjattiva irid jehodha fit-terminu stabbilit mill-istess ligi.

Fil-kawza Buttigieg vs Hurst (Vol XXX11 pt I pg 163) il-Qorti qalet "*jekk l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim, ma hemmx vizzju redibitorju, imma jkun hemm kaz ta' inadempjenza ta' kuntratt, li mghandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji.*

*Il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkunx konformi mal-ftehim avolja jkun ircieva l-oggett tal-bejgh sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt fatt tieghu stess."*

Hawnhekk ukoll il-Ligi timponi obbligu fuq ix-xerrej li jiehu l-inizjattiva u jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt, meta jidhirlhu li l-artikolu fuq imsemmi 1390 ghandu jigi applikat ghal vantagg tieghu. Zgur pero' li din l-inizjattiva ma tistax tittiehed *in via di eccezione*.

Fil-kawza deciza mill-Prim Awla fl-ismijiet Joseph Cassar Aveta noe vs Hugh Caruana et deciza fis-7 ta' Novembru 1995 il-Qorti osservat illi l-Qrati taghna rritenew konstantament illi d-dritt ta' l-azzjoni ghal difett latenti sew *l-actio redibhitoria* li jaghti lura l-oggett u l-prezz rifuz sew *l-actio estimatoria* li jzomm l-oggett u jircievi parti mill-prezz, ma setghewx jitqajjmu bhala eccezzjoni izda setghu biss jitqajjmu f'kawza *ad hoc* fit-terminu stabbilit mill-ligi.

Filwaqt li f'din il-kawza l-eccezzjoni qieghdha tirreferi ghall-oggett mhux tal-kwalita' miftiehma izda r-rimedju illi tofri l-Ligi hija l-istess. Tant hu hekk illi l-imsemmi artikolu 1390 joffri l-istess zewg soluzzjonijiet u cioe' jew li x-xerrej jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Kwindi din il-Qorti jidhrilha li din l-eccezzjoni kif moghtija mill-konvenuta ma tistax tigi kkunsidrata f'din l-istanza u ghalkekk ghal kull buon fini il-Qorti tiddeciedi illi ma tiehux konjizzjoni aktar taghha.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, rrizulta mill-provi illi s-socjeta' attrici kienet wettqet dawn ix-xogholijiet a beneficcju tal-konvenuta, liema xogholijiet ma tlestewx proprju minhabba n-nuqqas ta' interess tal-konvenuta li damet zmien twil ma toffri l-kooperazzjoni taghha lis-socjeta' attrici, biex imbaghad meta fettlilha qabdet u marret band'ohra minghajr ma kienet awtorizzata la mis-socjeta' attrici u lanqas minn xi Qorti. Li kieku l-konvenuta dehrilha li s-socjeta' attrici ma kienetx qed timxi sew maghha u li kienet qed tiehu zmien wisq sabiex tesegwixxi l-inkarigu lilha moghti, allura kien imissha tadixxi l-Qorti u titlobha awtorizzazzjoni sabiex tordna lill-istess oggetti band'ohra a spejjez tas-socjeta' attrici. Dana l-konvenuta ma ghamiltux u minn jeddha marret band'ohra minghajr ma qalet xejn lis-socjeta' attrici li sadanittant lahqet inkorriet xi spejjez biex tesegwixxi x-xoghol illi gie kummissjonat lilha. Li dan ix-xoghol ma giex terminat il-Qorti ma jidhirliex li huwa tort tas-socjeta' attrici izda tort tal-konvenuta li qaghdietx tistenna l-ezitu tal-prodott kif kellu jkun supplit mis-socjeta' attrici. Ghalhekk il-Qorti jidhirlha illi l-konvenuta naqset milli tesegwixxi l-obbligazzjonijiet

taghha f'dan il-kuntratt kummercjali li kien hemm bejnha u bejn is-socjeta' attrici u minghajr awtorizzazzjoni abbandunat l-appalt li hi stess kienet ikkummissjonat. Ghalhekk ghandha terfa' r-responsabbilta' ta' dan l-agir taghha u thallas ghad-danni li gew ikkawzati mis-socjeta' attrici tramite dan in-nuqqas.

Ghal  dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta Marie Louise Keen personalment illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sitt liri Maltin (Lm506), rappresentanti l-prezz tax-xogholijiet ezegwiti fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghha.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg